MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 206/2003

Bank of Valletta p.l.c.
vs
S & D Zammit Company Limited u Simon u Doris
mizzewgin Zammit

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 5 ta' Settembru 1997, fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (Dok A u B), is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` konvenuta S & D Zammit Company Limited.

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta S & D Zammit Company Limited fis-somma ta' disat elef, mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm9,121.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts' tas-socjeta` S & D Zammit Company Limited

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok C1 sa C49 u D1 sa D5) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe` dawk datati 5 ta' Settembru 1997, fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (Dok A u B), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 8 ta' Gunju, 1998 (Dok E), il-konvenuti Simon u Doris mizzewgin Zammit iggarantew flimkien u 'in solidum' mas-socjeta` S & D Zammit Company Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta` S & D Zammit Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 5 ta' Settembru 1997 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami fuq imsemmi (Dok A) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` konvenuta S & D Zammit Company Limited u / jew Simon u Doris mizzewgin Zammit (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, (c) ma humiex fl-istat li jhallsu l-kredituri taghhom fiz-zmien pattwit u/jew, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw u/jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu, u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 8 ta' Jannar 2002 u li kopji taghhom gew prezentati mac-citazzjoni u mmarkati Dok F u Dok G, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Il-Bank attur talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 5 ta' Settembru 1997 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami fuq imsemmi (Dok A) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi

s-socjeta` konvenuta S & D Zammit Company Limited u / jew Simon u Doris mizzewgin Zammit (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, (c) ma humiex fl-istat li jhallsu l-kredituri taghhom fiz-zmien pattwit u, (d) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` S & D Zammit Company Limited u lil Simon u Doris mizzewgin Zammit ihallsu flimkien u 'in solidum' bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef, mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm9,121.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts' tas-socjeta` S & D Zammit Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok C1 sa C49 u D1 sa D5) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 8 ta' Jannar 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra intavolati kontra l-imsemmija Simon u Doris mizzewgin Zammit mis-socjeta` attrici ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta` attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Bank attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 6 ta' Awwissu 2003 fejn ottemporat ruhha mad-digriet tal-Qorti fuq imsemmi tal-21 ta Lulju 2003.

Rat illi s-socjeta` konvenuta u l-konvenuti Doris u Simon konjugi Zammit gew notifikati bic-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh, izda dan nonostante baqghu ma ppresentaw l-ebda risposta u ghalhekk waqghu kontumaci.

Semghet l-abili difensur.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Xehed il-PL Joseph Zammit rapprezentant mal-Bank attur u qal li ma kien hemm l-ebda pagamenti akkont mill-prezentata tac-citazzjoni ‘l hawn u anqas approcci ohrajn u ghalhekk l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu dovut fl-intier tieghu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalkemm il-konvenut Simon Zammit deher ghas-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2004 u dan waqt li t-terminu tal-prezentata ta’ l-eccezzjonijiet kien ghadu ghaddej, la hu u lanqas il-konvenuti l-ohra ma ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom ghal din il-kawza. Illi ghalhekk kemm is-socjeta` konvenuta u kif ukoll il-konvenuti Simon u Doris konjugi Zammit huma kontumaci skond il-ligi.

Illi din il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk gew kontumacji, xorta ghandha tara jekk mill-provi prodotti t-talbiet attrici ghandhomx jigu milqugha u dan peress illi l-kontimaca ma tammontax ghall-ammissjoni, izda hija meqjusa mill-gurisprudenza nostrali bhala oppozizzjoni ghat-talbiet attrici.

Illi mid-dokumenti esebiti specjalment mill-istatements bankarji, mill-garanzija, mill-kuntratti u mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit – rapprezentant tal-Bank attur – jirrizulta illi mill-prezentata tac-citazzjoni ‘l hawn ma saru l-ebda pagamenti u ghalhekk l-ammont ta’ disat elef, mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm9,121.93) ghadu dovut fl-intier tieghu oltre l-imghaxijiet skond il-ligi kemm mis-socjeta konvenuta kif ukoll mill-konvenuti konjugi Zammit.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess konvenuti naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-

Bank attur u b'hekk sehhet wahda mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 5 ta' Settembru, 1997 fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami u tikkundanna lis-socjeta` S & D Zammit Company Limited u lil Simon u Doris mizzewgin Zammit ihallsu flimkien u 'in solidum' bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef, mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm9,121.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts' tas-socjeta` S & D Zammit Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok C1 sa C49 u D1 sa D5) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------